# Skejjel u Intriċċi f'Ħal Kirkop fil-Bidu tas-Seklu Għoxrin

Riċerka u kitba ta' Charles J. Farrugia
BA(Hons), PGDipRM (N'Castle), MA, MA(Lond)

**Nota Editorjali**
*Ikolli ngħid li fit-13-il sena li ilni Editur ta' din il-pubblikazzjoni, ftit inzertajt artikli intriganti bħal dan t'hawn taħt. Charles beda jikteb dwar is-suġġett tal-bidu tal-Edukazzjoni Primarja f'Ħal Kirkop, iżda mal-mixja tar-riċerka, iltaqa' ma' fatti oħra li hu jsejjaħ intriċċi, kif fil-fatt huma. Dawn l-intriċċi wassluna biex qed naraw ukoll tweġibiet għal diversi mistoqsijiet li kien hawn fil-vojt tal-istorja ta' Ħal Kirkop, u għad irid jitkompla dan l-istudju, għax proprju lejn tmiem dan il-kontribut letterarju, Charles qabad tarf ieħor li min jaf fejn ser iwassalna. Dan hu s-sabiħ tar-riċerka msejsa fuq bażi soda u dokumentata! Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sinjuri Michelle, Carmen u Lourdes Spiteri talli ġentilment għaddewlna informazzjoni u ritratti esklussivi li qed jidhru għall-ewwel darba f'din il-ħarġa. Bil-ħidma tal-kittieb u tas-Sinjuri Spiteri, qed nitfgħu aktar dawl fuq il-ħajja soċjali tal-Koppin lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu li għadda.*

L-analiżi tal-istorja tal-edukazzjoni f'Malta hi interessanti ferm għaliex tixħet dawl fuq il-ħajja soċjo-ekonomika tal-poplu Malti matul is-snin. Kien hemm diversi xogħlijiet dwar dan minn diversi kittieba li speċjalizzaw dwar l-istorja edukattiva kemm mill-lat pedogoġiku kif ukoll minn dak storiku.[1]

Aktar ma qed ikollna aċċessiblità għas-sorsi tar-riċerka, aktar qed isir possibli li nħarsu lejn stampa dettaljata ta' x'kien qed jiġri fl-irħula tagħna, u kif dak li l-politiċi u l-edukaturi kienu jaħmu mill-pożizzjonijiet tal-poter tagħhom kien jaffettwa l-ħajja tan-nies.



Alfonso Maria Spiteri – L-ewwel Surmast tal-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop fl-1892.

F'kitbiet f'dan l-istess Programm tal-Festa ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop kien hemm diġà xogħlijiet dwar dan il-qasam. Fl-2002 il-kollega Carmen Lia kienet kitbet dwar is-surmastrijiet li kienu fit-tmexxija tal-iskejjel ta' Ħal Kirkop. Fl-2008 jien ukoll kelli artiklu bl-isem 'Skola ta' billejl jew skuża għal Ftuħ ta' Każin?' U proprju r-riċerka ta' din is-sena, filwaqt li tkompli timla dan il-kwadru edukattiv b'dettalji mill-aktar rikki, titfa' aktar dawl fuq l-istorja tal-ftuħ ta' skola ta' billejl.

Tajjeb li biex niżvolġu l-argument ta' dan l-artiklu, nfakkru l-qafas li fih kienu joperaw l-iskejjel primarji f'Ħal Kirkop.

L-ewwel ċifri reġistrati ta'ammonti ta' studenti fl-Iskola ta' Ħal Kirkop imorru lura għas-sena 1879. Iċ-ċifri fil-*Blue Books* huma maqsuma bejn subien u bniet kif ukoll totali.

Dik is-sena kien hemm 30 tifel u 36 tifla jattendu l-iskola f'Ħal Kirkop. L-ammonti jinbidlu minn sena għal oħra iżda dejjem jibqgħu fil-limiti ta' bejn 34 u 76 fil-perjodu li lejh ser inħarsu f'dan l-artiklu, jiġifieri bejn l-1879 u l-1904.

Fis-sena li fiha nfetħet l-iskola ta' billejl, jiġifieri fl-1895, l-Iskola Primarja kienet tilqa fiha 59 tifel jew tifla. Minn dan in-numru, 27 kienu subien u 32 bniet.[2]

Ta' min jirrimarka li dan ma kienx xi numru kbir. F'dik is-sena kien hemm biss iż-Żebbuġ Għawdex li l-iskola tiegħu kienet tilqa' fiha anqas studenti (56). Irħula oħra żgħar bħall-Imqabba u l-Qrendi kien jilqgħu fihom 124 u 105 studenti rispettivament.



Iżda biex nagħtu stampa dettaljata tal-attendenza fl-Iskola ta' Ħal Kirkop, kif ukoll kif din l-attendenza ġiet jew ma ġietx affettwata wara l-ftuħ tal-iskola ta' billejl, ġbart l-istatistika uffiċjali għall-perjodu 1879 u l-1904 u qed nippubblikaha hawn.

**Skola Ta' Mal-Jum Skola Ta' Billejl**

| Sena | Subien | Bniet | Total | Subien |
|---|---|---|---|---|
| 1879 | 30 | 36 | 66 | n/a |
| 1880 | 27 | 26 | 53 | n/a |
| 1881 | 26 | 30 | 56 | n/a |
| 1882 | 26 | 30 | 56 | n/a |
| 1883 | 20 | 26 | 46 | n/a |
| 1884 | 19 | 25 | 44 | n/a |
| 1885 | 17 | 24 | 41 | n/a |
| 1886 | 18 | 16 | 34 | n/a |
| 1887 | 17 | 22 | 39 | n/a |
| 1888 | 23 | 27 | 50 | n/a |
| 1889 | 23 | 30 | 53 | n/a |
| 1890 | 24 | 26 | 50 | n/a |
| 1891 | 20 | 28 | 48 | n/a |
| 1892 | 25 | 32 | 57 | n/a |
| 1893 | 33 | 34 | 67 | n/a |
| 1894 | 36 | 40 | 76 | n/a |
| 1895 | 27 | 32 | 59 | n/a |
| 1896 | 27 | 38 | 65 | 30 |
| 1897 | 21 | 40 | 61 | 26 |
| 1898 | 16 | 41 | 57 | 35 |
| 1899 | 29 | 26 | 55 | 14 |
| 1900 | 28 | 29 | 57 | 18 |
| 1901 | 27 | 33 | 60 | 8 |
| 1902 | 28 | 35 | 63 | 20 |
| 1903 | 22 | 49 | 71 | 13 |
| 1904 | 25 | 19 | 44 | 16 |

**Tabella Nru. 1. – Ċifri ta' attendenza fl-iskejjel tal-jum u ta' billejl[3]**

## L-iskola fuq l-insistenza tal-Onor. Alfons Caruana

Tajjeb infakkru ftit il-kuntest ta' dan l-avveniment. Ħal Kirkop kien wieħed mill-irħula fid-IX distrett, li minn fuqu Alfons Caruana tal-Imqabba kien elett fil-Kunsill tal-Gvern. Għalhekk ma setax jonqos li fil-ħidma tiegħu ikun hemm ukoll rabtiet ma' dan ir-raħal. Insibu li fit-tieni laqgħa tal-Kunsill tal-Gvern fit-30 ta' Ottubru 1895, Alfons Caruana ressaq żewġ petizzjonijiet: waħda biex tinfetaħ skola ta' billejl fil-Gudja[4] u oħra f'Ħal Kirkop. F'dik is-seduta, Alfons Caruana qal hekk:

*Ho l'onore di presentare una petizione contenente una domanda degli abitanti della Gudia per una Scuola serale; e presento ancora una altra simile petizione degli abitanti di Casal Chircop.*[5]

Il-petizzjoni ta' Ħal Kirkop li konna ppubblikajna qabel hi interessanti ferm.[6] Din kienet iffirmata mill-Kappillan ta' Ħal Kirkop Dun Ġużepp Barbara D. D., is-Saċerdot Michele Barbara, il-kjeriku Giovanni Battista Cutajar u sitta u ħamsin ruħ oħra.[7] It-talba ġiet approvata sabiex issir bi prova għal sitt xhur. L-iskola ta' billejl kellha tkun addizzjonali għall-Iskola Primarja li diġà kienet tiffunzjoni f'din il-lokalità.[8]

Li hu ta' interess partikolari hu, li għalkemm il-Kappillan Barbara iffirma l-petizzjoni, b'mod kunfidenzjali nforma lill-Awtoritajiet li l-iskop ta' dawk li ffirmaw il-petizzjoni kien li jkollhom '*Casino*' u mhux skola. Hu qal li minkejja li ffirma l-petizzjoni sabiex jingħoġob man-nies tiegħu, hu kien kontra u ma xtaqx li tinfetaħ skola. M'hemmx dubju li f'Alfons Caruana wieħed jista' jara promotur ta' każini ġodda biex minnhom jifrex is-sodda għal suċċess fil-qasam politiku. Dan jidher kemm fil-



To His Excellency
Lt. Genl. Sir Arthur J L Fremantle K.C.M.G.
Governor of Malta
&c &c &c

The Petition of the undersigned inhabitants of Chircop

Humbly shew

That Petitioners are fully aware of the benefits which Education bestows on those who might go through it.
That Pets are obliged to take off from the daily school their children at a very tender age to help them in their field work the district being wholly rural.
Pets therefore most humbly beg Your Excellency to be pleased to order that a Night School be installed in their village.
And Pets as in duty bound will for ever pray.

Chircop
November 1, 1895

D. Don Giuseppe Barbara Paroc.
Sac. Michele Barbara

Petizzjoni għall-Iskola ta' Ħal Kirkop

każ ta' Ħal Kirkop, kif ukoll minn riċerka li diġà ppubblikajt fil-każ fl-Imqabba.

## Ir-Reġistri tal-Iskejjel

Biex napprofondixxu t-tagħrif dwar l-operat tal-iskejjel, f'dan l-artiklu qed nippubblika l-listi ta' tfal li daħlu fl-iskejjel ta' mal-jum fl-ewwel snin. Il-ħsieb hu li napprofondixxu fuq dan fis-snin li ġejjin.[9] Ir-reġistri huma sors importanti ferm u jelenkaw l-istudenti li kienu jidħlu fl-iskola. Tal-bniet u s-subien huma serje differenti, b'dawk tas-subien jibdew fl-1884 u tal-bniet fl-1906. Iddeċidejt li nippubblika l-listi fil-format li jinsabu fir-reġistri (anke fejn jidħol sekwenza bejn kunjom u isem) u li nżomm il-karigi u ismijiet bil-lingwa u format oriġinali – il-maġġoranza bit-taljan jew l-ingliż. Mhux iż-żewġ serje ta' reġistri fihom l-istess informazzjoni.

## Età tad-Dħul

L-età tad-dħul tat-tfal f'Iskola kienet tvarja ħafna. L-iżgħar tfal kien ikollhom 5 snin, u wħud kienu jidħlu ta' etajiet kbar anke ta' 10 u 13. Għas-sena 1884, li hi l-ewwel sena li fiha jibda r-reġistru tas-subien, daħlu biss żewġ studenti, Carmelo Ellul u Giuseppe Grima.

L-ammont ta' studenti li daħlu fl-ewwel snin għal kull sena kien żgħir ħafna. Fl-1884 daħlu biss tnejn, wieħed fl-1885 u wieħed fl-1886. Hu biss fl-1888 li n-numru jitla b'mod sostanzjali għal 14. Aktar ma jgħaddu snin, aktar isir diffiċli tanalizza r-reġistri, għaliex studenti li jkunu telqu u reġgħu daħlu, jidhru aktar minn darba fir-reġistru.

## Professjoni tal-Missier

Il-professjonijiet tal-missier huma mniżżla fir-reġistri tas-subien iżda mhux f'dawk tal-bniet, għalkemm dawn tal-aħħar huma aktar puliti u organizzati. Fost il-professjonijiet, insibu li l-akbar ammont kien ta' bdiewa. Hemm ukoll ammont tajjeb ta' baqquniera fil-barrieri, segwiti minn burdnara, u nies li jrabbu l-bhejjem. L-ammont ta' pensjonanti jew negozjanti hu żgħir ħafna, bl-ammont ta' professjonisti kważi xejn jekk wieħed jelimina lil Alfonsu Spiteri li kien is-Surmast tal-iskola.

## Raġuni għaliex telqu mill-iskola

Ir-raġuni li minħabba fiha t-tfal kienu jitilqu l-iskola hi importanti, anke minħabba li waħda mir-raġunijiet li nġabet biex tinfetaħ skola ta' billejl kienet proprju li dawn it-tfal kienu meħtieġa jgħinu fix-xogħol tal-familja. Fil-fatt raġuni prinċipali kkonfermata minn dawn id-dokumenti hi li ħafna mit-tfal kienu qed jinħarġu bir-raġuni biex jagħmlu xogħol fl-għelieqi. It-traskuraġni (*carelessness*) kienet it-tieni raġuni kkwotata. Hemm imbagħad numru żgħir li avvanzaw għal skola oħra, bl-aktar skejjel li jissemmew ikunu dawk taż-Żurrieq, u Ħal Luqa. Il-każi ta' avvanz edukattiva qawwi huma ftit, b'Giuseppe Grima li jissemma li mar is-Seminarju tal-Isqof u Carmelo Ellul li avvanza biex jistudja l-lingwa tal-Latin. Oħrajn telqu l-iskola jew minħabba mard, jew għaliex qabdu xogħol partikolari. Fost dawn jissemmew arġentier, skarpan, mastrudaxxa u suldat imħarreġ f'xogħol ta' inġinerija.

## Is-Surmast li tafa' ħiltu u saħħtu fit-Tagħlim taż-żgħar

Fl-artiklu ta' ftit snin ilu kont staqsejt dawn id-domandi: kien hemm verament tentattiv biex jinfetaħ każin? Jekk le, x'seta kien l-iskop tal-Kappillan biex jilgħab żewġ karti differenti; waħda għall-parruċċani u waħda għall-awtoritajiet? Il-materjal ta' din is-sena, partikolarment l-enfasi fuq il-Familja Spiteri qed jitfa' dawl ġdid dwar dawn l-intriċċi, għalkemm għad jonqos aktar xogħol biex wieħed jasal għal konklużjonijiet definittivi. Min kienu l-protagonisti?

Fit-tmexxija taż-żewġ skejjel insibu lil persuna li fis-Santa ta' Mewtu li ġrat fit-3 ta' Ġunju 1929 ġie msejjaħ bħala *'missier li rabba 'l uliedu fil-biża t'Alla Surmast li tafa' ħiltu u saħħtu fit-tagħlim taż-żgħar*



**Is-Surmast Alfonso Maria Spiteri flimkien ma' martu Vittoria**

*Raġel li ħabb lil pajjiżu u lil għajru kif dejjem ħaseb li kien dmiru'.*[10] Dan kien Alfonsu Maria Spiteri. Jidher li l-ħila tiegħu wasslet sabiex l-iskola ta' billejl tibqa' miftuħa anke wara li għadda l-perjodu ta' prova. Insibu li fl-1897 meta fl-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop immexxija mis-surmast Alfonso Spiteri kien hemm total ta' 61 student (21 subien u 40 bniet), l-iskola ta' billejl kienet tilqa fiha 26 student. Dawn kienu kollha subien peress li dawn it-tip ta' skejjel kienu jilqgħu fihom biss subien. Spiteri kien jirċievi £16 *'for Night School duties'*.[11]

Spiteri kien Żejtuni iżda aktar tard mar joqgħod ġewwa Ħal Kirkop peress li nħatar Surmast ta' din l-Iskola. Il-persuna jidher li kienet rabbiet ċertu rispett ġewwa Ħal Kirkop. Fil-fatt fil-*Guida Generale* tal-1899 u l-1903 huwa mniżżel bħala segretarju tas-*Società Filarmonica San Leonardo*.[12] Alfonsu Maria Spiteri miet fl-età ta' 73 sena f'Birżebbuġa.

Fl-1 ta' Ottubru 1898 l-Iskola Primarja tal-bniet bdiet tiġi mmexxija minn Antonia Bianchi. Iżda dik tas-subien kienet għadha taħt Alfonso Spiteri.[13] L-istess dokumentazzjoni tgħidilna li f'dik is-sena kien hemm 16-il tifel u 41 tifla fl-iskola ta' bi nhar. L-iskola ta' billejl kienet għadha topera u kienu jattendu fiha 35 tifel.[14]

Fis-sena ta' wara l-ammont ta' studenti fl-Iskola ta' billejl naqas b'mod drastiku għal 14-il student.[15] Mal-jum, is-servizzi edukattivi f'Ħal Kirkop kienu jilqgħu fihom 29 tifel u 26 tifla.[16]

Fl-1 ta' Jannar 1901 inħatret Kap tal-Iskola tal-bniet Emilia Buccia. Spiteri kien għadu fil-kariga tiegħu.[17] L-ammonti ta' tfal fl-iskola ta' bi nhar kienu 26 tifel u 29 tifla.[18] L-attendenza fl-iskola ta' billejl kienet niżlet għal 18-il tifel.[19] Dan l-ammont kompla jonqos fis-sena ta' wara, meta t-tfal fl-iskola ta' billejl niżlu għal tmienja.[20] Jidher però li l-ammonti kienu jvarjaw qatigħ u mhux għaqli li wieħed jipprova jaqra ferm fihom. Biss sena, wara fl-1902, l-ammont ta' tfal reġa żdied għal 20.[21]

Fl-artiklu tiegħi fil-Programm tal-Festa ta' San Ġużepp tal-2008 kont għidt li d-dokumentazzjoni li wieħed isib fl-arkivji tagħna tgħid ħafna. Iżda mhux dejjem tgħid kollox. Kont staqsejt dawn il-mistoqsijiet: X'kien il-biża ta' Dun Ġużepp Barbara D. D. minn din l-iskola ġdida? Setà kien joriġina minn biża ġenwin li n-nies wara din l-idea kollhom skopijiet ulterjuri? Setà kien xi forma ta' rivalità politika jew personali kontra Dun Alfons li ressaq il-mozzjoni fil-Kunsill tal-Gvern, jew is-Surmast Spiteri li minn dan kollu kien idaħħal kemxa flus extra? S'issa ma nistgħux ngħidu, però forsi din il-kitba tkompli tixħet dawl fuq il-ħajja u l-intriċċi soċjo-politiċi u edukattivi tal-Koppin. Illum li qed nidħlu fuq il-lista ta' studenti u ngħarblu r-raġunijiet tat-tluq tagħhom mill-iskola qed inkomplu naħdmu biex inħollu din il-kobba mħabbla. Qed niżvelaw ukoll informazzjoni rikka fuq il-persuna tas-Surmast Alfonsu Maria Spiteri, li żgur kien figura importanti f'din l-istorja kollha.

## Ulied Alfonsu Spiteri protagonisti tal-partiti f'Ħal Kirkop

Salvatore Spiteri kien ukoll Surmast tal-iskejjel ta' B'Bugia u ż-Żejtun.[22] Hu deskritt f'ċertu dettal fil-kitba tal-antropologu Jeremy Boissevain.[23] Kien proprju dan l-artiklu li wassalni biex nifhem il-kumplikazzjoni ta' żewġ aħwa attivisti fuq iż-żewġ naħat opposti f'Ħal Kirkop.



**Is-Santa tal-Mewt tas-Surmast Alfonso M. Spiteri**

Boissevain jispjega kif meta wasal f'Ħal Kirkop fis-6 ta' Awissu 1960, waħda mill-ewwel ħwejjeġ li qallu l-Kappillan Dun Pawl Pace, kienet li hu rnexxielu jaqla lil Salvu Spiteri minn Prokuratur tal-Konfraternità ta' San Ġużepp. Biex jagħmel dan u ma jidhirx ikrah, qala' wkoll lil ħuh Anġlu li kien Prokuratur tas-Sagrament. L-istess artiklu jispjega għaliex Salvu kien jappoġġja lil San Ġużepp. Fl-istess kliem ta' Salvu, hu kien midħla ferm tal-Knisja, u kellu xewqa jsir Prokuratur. Il-kelma kienet li hu kien iħobb jaqla l-inkwiet, iżda l-analiżi ta' Boissevain wara li sar jafu ta' veru aktar milli minn ilsien in-nies, kienet li hu kien *'raġel tal-affari tiegħu u li żgur hemm ħafna aktar x'jingħad fuqu'*.[24] Il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb kien iddikjara ma' Boissevain li kien għamel minn kollox biex ma jħallix lil Salvu fil-Prokura, però ta' warajh, il-Kappillan Inguanez kien imur tajjeb ma' Salvu. Jidher li r-raġuni kienet li biex il-Kappillan Barbara jaqta' xewqet Salvu li jkollu prokura (u forsi jsaħħaħ ukoll il-Partit ta' San Ġużepp bi bniedem ta' stoffa) offrielu dik ta' San Ġużepp u Salvu ħadha u daħal għaliha b'ruħu u ġismu.

Ma' dan l-artiklu qed nippubblikaw l-applikazzjonijiet għall-passaporti ta' Salvatore Spiteri[25] u ta' Angelo[26], li għadni kif skoprejt. Joffru ammont ta' dettall interessanti. Salvatore twieled fil-25 ta' Frar 1903 u kien ta' statura twila (5 piedi u 9 pulzieri) b'xagħar iswed u għajnejn kannella skuri. Meta saret it-talba sabiex hu jsiefer għal Palermo fi Sqallija fl-1929, hu kellu 27 sena u kien diġà miżżewweġ. Kien joqgħod f'numru 5 Triq l-Iskola ż-Żejtun. Bħala professjoni, hu reġistrat bħala għalliem fid-Dipartiment tal-Iskejjel Elementari. Punt ta' interess hu li fit-taqsima maħsuba biex wieħed iniżżel ir-raġuni għas-safar insibu l-kliem *'a pleasure trip'* u *'medical treatment'* it-tnejn miktuba u maqtugħa. Fuqhom hemm il-kliem *'accompanying my sister Nazarena Spiteri'*. Ta' interess ukoll hu l-fatt li meta ġie biex isib min jiffirmalu l-applikazzjoni din mhiex mill-Kappillan ta' Ħal Kirkop jew iż-Żejtun kif ħafna drabi kien isir, però minn Dun Santo Agius li kien joqgħod f'64, Sda Reale l-Qrendi. Għalkemm fis-sena 1929 il-Kappillan ta' Ħal Kirkop kien għadu Dun Ġużepp Barbara D. D. u għalhekk ma setax kellu problemi ma' Salvu, mhux eskluż li peress li dan kien xjieħ ħafna, x-xogħol tal-uffiċċju kien amministrat minn ħaddieħor li ma tantx kien iħares sabiħ lejn Salvu.


Salvu Spiteri

Ħu Salvu, Angelo kien protagonista ieħor tal-perjodu. Imwieled fis-16 ta' Marzu 1904, Anġlu kien sena iżgħar minn Salvu u bħal missieru Alfonsu kien attivist tal-partit ta' San Leonardu. L-applikazzjoni tiegħu għall-passaport biex isiefer ġewwa Franza u t-Tuneżija fl-1933, tagħtina deskrizzjoni tiegħu. Dak iż-żmien huwa kien ġuvni ta' 29 sena, deskritt bħala ta' tul ta' 5 piedi u 9 pulzieri b'għajnejn kannella u xagħar kannella skur. Kien joqgħod f'numru 18 Strada Maggiore f'Ħal Kirkop. Kien għalliem u jidher li l-iskop tas-safar tiegħu kien bħala vaganza. L-applikazzjoni tiegħu hi ffirmata mill-Kappillan ta' dak iż-żmien (u rival ta' ħuh Salvu), Dun Franġisk Xuereb.


Angelo (Ġulin) Spiteri


National War Museum Association

Il-Post li kien iservi bħala l-Ewwel Skola Primarja 5/6 Triq Valletta, devastat bil-ħidma tal-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija.

## Konklużjoni

Bħall-istorja tal-bidu tal-każini f'kull raħal ieħor dik ta' Ħal Kirkop għad titlob ħafna analiżi. Hu dan l-aħħar li l-istoriċi bdew iħarsu lejn id-dokumenti primarji u mhux jibqgħu fuq l-għidut tan-nies. Dan jgħin ħafna għal storja awtentika. Dan l-artiklu għandu l-iskop li jpoġġi ġebla oħra f'din il-binja tal-memorja Koppija. Żgur li ser ikollna nibnu aktar fuqu fis-snin li ġejjin.

## Appendiċi A – Lista ta' studenti subien fl-iskola ta' Ħal Kirkop bejn l-1884 u l-1900

**Noti:**

a. L-ismijiet, kif ukoll l-indirizzi u dettalji oħra nżammu skont l-oriġinal anke fejn hemm żbalji ovvji

Fejn hemm ismijiet ripetuti għaliex l-istudent telaq u reġa' daħal l-iskola inżammet biss l-ewwel reġistrazzjoni. Dan jispjega ċertu numri maqbuża.

| No. | Name of Pupil | Admission | Age | Residence | Parents occupation | Reason for leaving school |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Carmelo Ellul | 1.3.1884 | 5 | 17 Str. Maggiore | Muratore | Removed to C. Zeitun |
| 2 | Giuseppe Grima | 2.3.1884 | 5 | 1 Str. S. Rocco | Agircoltore | Frequents Zurrico's School / Bishop's Seminary |
| 3 | Pubblio Chircop | 12.5.1885 | 5 | 5 Str. S. Leonardo | Lavorante | Field-work |
| 4 | Carmelo Bartolo | 12.3.1886 | 7 | 26 Str. S. Maggiore | Biancheggiatore | Digger |
| 5 | Carmelo Spiteri | 29.11.1887 | 5 | 10 Str. S. Leonardo | Agricoltore | Field-work |
| 6 | Leonardo Ellul | 29.9.1887 | 6 | 33 Str. S. Leonardo | Lavorante | Another School |
| 7 | Benedetto Sacco | 11.1.1888 | 5 | 12 Str. S. Leonardo | Agricoltore | Carelessness |
| 8 | Giuseppe Sacco | 5.3.1888 | 5 | 11 Str. S. Leonardo | Connestabile | Work |
| 9 | Antonio Sacco | 21.5.1888 | 10 | 11 Str. Maggiore | Pesatore | Carelessness / Silversmith / Shoemaker |
| 10 | Valente Spiteri | 22.5.1888 | 5 | 2 Vicolo S. Andrea | Agricoltore | Kept by parents |
| 11 | Francesco Sacco | 14.6.1888 | 5 | 31 Piazza Maggiore | Agricoltore | Removal to C. Balzan |
| 12 | Gio. Battista Cutajar | 25.10.1888 | 13 | 7 Piazza Maggiore | Falegname | Joiner's apprentice |
| 13 | Luigi Gabriele | 25.10.1888 | 6 | 31 Str. Maggiore | Negoziante | To C. Zeitun |
| 14 | Giuseppe Taliana | 23.11.1888 | 10 | 17 Str. S. Rocco | Tagliapietre | Field-work |
| 15 | Vittorio Attard | 1.12.1888 | 6 | 26 Str. S. Rocco | Tagliapietre | Field-work / Carelessness |
| 16 | Giuseppe Farrugia | 1.12.1888 | 5 | 15 Str. S. Benedetto | Carettiere | Carelessness |
| 17 | Andrea Farrugia | 4.12.1888 | 6 | 7 Str. S. Benedetto | Carattiere | Carelessness |
| 18 | Giovanni Callus | 4.12.1888 | 7 | 5 Via Valletta | Agricoltore | Zappatore |
| 19 | Leonard Cassar | 6.12.1888 | 8 | 16 Str. S. Rocco | Agricoltore | Field-work |
| 20 | Giuseppe Falzon | 10.12.1888 | 5 | 7 Str. S. Giovanni | Agricoltore | Trascuragine |
| 21 | Ruggiero Casha | 7.1.1889 | 13 | 90 Str. S. Giuseppe | Pensionato | Removed to C. Luca |
| 22 | Gaetano Sacco | 16.1.1889 | 13 | 31 Str. Maggiore | Zappatore | Field-work |
| 23 | Giuseppe Schembri | 18.5.1889 | 6 | 7 Str. S. Paolo, C. Safi | Agricoltore | Illness |
| 24 | Angelo Cachia | 18.5.1889 | 6 | 1 Str. S. Paolo, C. Safi | Agricolotre | Carelessness |
| 25 | Spiridione Callus | 22.5.1889 | 9 | 6 Str. S. Paolo, C. Safi | Carettiere | Carelessness |
| 26 | Carmelo Cachia | 27.5.1889 | 6 | Str. S. Giuseppe, C. Safi | Agricoltore | Illness |
| 27 | Giuseppe Attard | 4.7.1889 | 8 | 22 Str. S. Rocco | Tagliapietre | Work field |
| 29 | Benedetto Cassar | 6.9.1889 | 5 | Str. S. Rocco | Agricoltore | Field-work |
| 30 | Angelo Sacco | 26.9.1889 | 5 | 12 Str. S. Leonardo | Agricoltore | Field-work |
| 31 | Giuseppe Asciak | 14.10.1889 | 5 | Str. S. Rocco | Carrettiere | Field-work |
| 32 | Carmelo Spiteri | 23.10.1889 | 7 | 10 Str. S Leonardo | Aratore | Field-work |
| 33 | Tomaso Farrugia | 29.10.1889 | 5 | 5, Str. S. Rocco | Carrettiere | Carelessness |
| 34 | Paolo Spiteri | 21.11.1889 | 6 | Piazza Maggiore | Agricoltore | Field-work |
| 35 | Michele Callus | 5.12.1889 | 5 | 5 Via Valletta | Agricoltore | Carelessness |
| 36 | Michele Sciberras | 19.12.1889 | 8 | 30 Str. Maggiore | Facchino | Parents' negligence |
| 37 | Leonardo Bonnici | 4.2.1890 | 5 | 7 Via Valletta | Bottegajo | Kept by parents |
| 40 | Giuseppe Sacco | 14.4.1890 | 7 | Str. S. Leonardo | Agricoltore | Field-work |
| 41 | Leonardo Sacco | 14.4.1890 | 5 | Str. S. Lenoardo | Agricoltore | Carelessness |
| 42 | Giuseppe Chircop | 6.5.1890 | 5 | 2 Via Valletta | Tagliapietre | Field-work |
| 43 | Tomaso Farrugia | 12.5.1890 | 5 | 17 Str. S. Rocco | Carrettiere | Kept by parents |
| 44 | Benjamino Sacco | 16.5.1890 | 5 | 11 Str. S. Leonardo | Commestabilie | Stone carrier |
| 45 | Carmelo Balzan | 23.6.1890 | 5 | 22 Str. Maggiore | Agricoltore | Carelessness |
| 46 | Leonardo Attard | 8.7.1890 | 5 | 22 Str. S. Rocco | Tagliapietre | Carelessness |
| 49 | Giuseppe Farrugia | 6.10.1890 | 6 | 3 S. Benedict | Carter | Carelessness |
| 50 | Giuseppe Ellul | 6.10.1890 | 6 | 23 S. Rocco | Carter | Carelessness |
| 52 | Carmelo Ellul | 27.4.1891 | 10 | 17 S. Maggiore | Mason | Latin languages |
| 53 | Leonardo Attard | 14.5.1891 | 6 | 22 Str. S. Rocco | Stone- Cutter | Kept by parents |
| 54 | Leonardo Ellul | 12.9.1891 | 5 | 23 S. Rocco | Carter | Carelessness |
| 56 | Salvatore Azzopardi | 25.6.1892 | 5 | 27 Maggiore | Burdener | Field-work |
| 57 | Giuseppe Sacco II | 25.6.1892 | 5 | 31 Maggiore | Farmer | Field-work |
| 58 | Giuseppe Debono | 27.7.1892 | 5 | S. Nicola | Burdener | Carelessness |
| 59 | Giuseppe Cassar | 27.7.1892 | 5 | 16 S. Rocco | Farmer | Field-work |
| 60 | Leonardo Chircop | 27.7.1892 | 5 | 2 Via Valletta | Stone mason | Field-work |
| 61 | Leonardo Teuma | 27.7.1892 | 5 | 11 S. Rocco | Farmer | Carelessness |
| 63 | Michele Attard | 20.9.1892 | 5 | 22 San Rocco | Stone Cutter | Carelessness |
| 64 | Salvatore Farrugia | 20.9.1892 | 5 | S. Leonardo Str. | Farmer | Carelessness |
| 65 | Giuseppe Mizzi | 20.9.1892 | 5 | 7 S. Leonardo Str. | Farmer | Carelessness |
| 66 | Giuseppe Polidano | 31.10.1892 | 5 | 20 Str. Maggiore | Cab driver | Illness |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Antonio Bonnici | 31.10.1892 | 5 | 1 S. Leonardo | Burdener | Field-work |
| 68 | Leonardo Balzan | 31.10.1892 | 5 | 22 Str. Maggiore | Farmer | Carelessness |
| 69 | Leonardo Azoppardi | 30.11.1892 | 5 | 27 Str. Maggiore | Burdener | Carelessness |
| 73 | Giovanni Axiack | 20.9.1893 | 4 | 15 Str. Valletta | Burdener | Carelessness |
| 75 | Francesco Ellul | 20.9.1893 | 4 | S. Leonardo | Workman | Carelessness |
| 76 | Benedetto Farrugia | 20.9.1893 | 4 | Str. S. Benedetto | Labourer | Carelessness |
| 78 | Giovann Bonnici | 29.6.1894 | 4 | 12 S. Rocco | Labourer | Carelessness |
| 79 | Michele Chircop | 29.6.1894 | 4 | 2 Via Valletta | Mason | Field-work |
| 80 | Giuseppe Cutajar | 29.6.1894 | 5 | 3 Piazza Maggiore | Joiner | Withdrawn |
| 81 | Leonardo Debono | 31.1.1895 | 4 | 19 S. Rocco | Farmer | Left |
| 83 | Vincenzo Abdilla | 31.5.1895 | 5 | S. Benedetto | Scavenger | Carelessness |
| 86 | Giuseppe Sacco | 31.5.1895 | 5 | 94 S. Leonardo | Farmer | Removed to Siggiewi |
| 87 | Giuseppe Spiteri | 31.5.1895 | 4 | Str. Valletta | School keeper | Illness |
| 89 | Leonardo Falzon | 12.2.1896 | 4 | Str. Maggiore | Farmer | Carelessness |
| 91 | Leonardo Abdilla | 27.5.1896 | 4 | S. Benedetto | Scavenger | Illness |
| 99 | Pietro Balzan | 7.4.1897 | 5 | Str. Maggiore | Farmer | Carelessness |
| 100 | Leonardo Vassallo | 7.4.1897 | 5 | Str. Maggiore | Farmer | Carelessness |
| 101 | Francesco Callus | 19.10.1897 | 6 | 5 Via Valletta | Farmer | Carelessness |
| 102 | Angelo Vassallo | 12.1.1898 | 8 | Str. Maggiore | Farmer | Illness |
| 103 | Francesco Chircop | 5.3.1898 | 4 | 50 Str. S. Leonardo | Carter | Field-work |
| 104 | Antonio Spiteri | 17.11.1898 | 4 | 2 Str. Maggiore | Shopkeeper | Work |
| 105 | Carlo Mizzi | 18.11.1898 | 4 | 6 Str. S. Rocco | Farmer | Field-Work |
| 106 | Giuseppe Bianchi | 28.11.1898 | 4 | 1 Via Valletta | Dead | Change of residence |
| 107 | Giuseppe Bonnici | 28.11.1898 | 4 | 12 Str. S. Leonardo | Greengrocer | Shepherd |
| 108 | Nazareno Falzon | 29.11.1898 | 4 | Piazza Maggiore | Stonecutter | Kept by parents |
| 109 | Salvatore Farrugia | 29.11.1898 | 4 | 9 Str. S. Rocco | Stonecutter | Field work |
| 111 | Francesco Saliba | 16.12.1898 | 4 | Str. S. Leonardo | Dealer (late) | Kept by parents |
| 112 | Leonardo Camilleri | 16.12.1898 | 4 | Str. Maggiore | Labourer | Illness |
| 114 | Generoso Cachia | 6.2.1899 | 8 | 12, S. Rocco | Sergeant of Police | Change of residence |
| 115 | Carmelo Bonnici | 7.3.1899 | 4 | 30, Str. S. Rocco | Farmer | Sickness |
| 116 | Leonardo Sacco Spiteri | 22.4.1899 | 4 | 3, Via Valletta | Policeman | Appointed Monitor |
| 117 | Leonardo Camilleri | 22.4.1899 | 4 | 12, Str. Maggiore | Labourer | To help his father |
| 118 | Leonardo Zammit | 22.4.1899 | 4 | 13, Str. S. Leonardo | Stonecutter | Carelessness |
| 119 | Vincenzo Mizzi | 22.4.1899 | 4 | 9, Str. S. Leonardo | Farmer | Field-work |
| 120 | Felice Bartolo | 22.4.1899 | 4 | 9, Str. S. Rocco | Whitewasher | Kept by parent |
| 121 | Leonardo Debono | 19.5.1899 | 4 | 65, Str. S. Leonardo | Carter | Carelessness |
| 122 | Rosario Farrugia | 14.6.1899 | 7 | 25, Str. S. Rocco | Carter | Kept by parents |
| 123 | Antonio Magri | 26.6.1899 | 8 | 1, Str. S. Nicola | Police Constable | Illness |
| 124 | Giuseppe Sacco Sammut | 7.7.1899 | 9 | 84, Str. San Leonardo | Farmer | Transferred to Luca school |
| 125 | Leonardo Abdilla | 6.9.1899 | 7 | S. Benedetto | Scavenger | Carelessness |
| 126 | Michelangelo Abdilla | 6.9.1899 | 5 | Idem | Idem | Carelessness |
| 130 | Vittorio Chircop | 15.1.1900 | 4 | 50 Str. S. Leonardo | Carter | Field-work |
| 133 | Leonardo Sacco Attard | 29.3.1900 | 4 | 4 Str. Maggiore | Shopkeeper | Home work |
| 134 | Leonardo Chircop Ellul | 29.3.1900 | 4 | 24 Str. Maggiore | Farmer | Field-work |
| 135 | Angelo Balzan | 29.3.1900 | 7 | 1 Str. Maggiore | Farmer | Carlessness |
| 136 | Michele Camilleri | 7.5.1900 | 4 | 2 Str. S. Leonardo | Stonecutter | Kept by parents |
| 137 | G.B. Debono | 7.5.1900 | 4 | 24 Str. S. Leonardo | Cartman | Field-work |
| 138 | Leonardo Abdilla | 17.12.1900 | 8 | 20 Str. S. Leonardo | Labourer | Kept by parents |
| 139 | Michelangelo Abdilla | 17.12.1900 | 5 | Idem | Idem | Carelessness |

## Appendiċi B – Lista ta' studenti bniet fl-iskola ta' Ħal Kirkop bejn l-1906 u l-1920

**Noti:**

a. Il-lista tibda fl-1906.

Il-format f'dawn ir-reġistri ma fihx il-professjoni tal-missier u fih ukoll kolonna bil-lista fejn it-tifla marret skola qabel. Id-deċiżjoni li nieqaf fl-1920 kienet waħda arbitrarja u biex iżżomm mas-suġġett tal-artiklu.

| No. | Name of Pupil | Admission | Date | Name of Parent of Birth | Residence | School attended | Reason for leaving school before |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ellul Giuseppa | 10.1.1906 | 11.10.1901 | Paolo | 8 Sda. Maggiore | None | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 2 | Grech Rosanna | 7.1.1907 | 24.8.1902 | Giovanni | 10 Piazza Maggiore | None | Withdrawn as Stnd. VI abolished |
| 3 | Ellul Giovanna | 13.1.1908 | 25.1.1903 | Paolo | 8 Sda. Maggiore | None | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 4 | Farrugia Dolores | 29.3.1909 | 29.6.1903 | Leonardo | 9 Vco. S. Giov. | None | Wanted at home Piazza Maggiore |
| 5 | Farrugia Assunta | 29.3.1909 | 20.6.1904 | Salvatore | 25 Sda. Maggiore | None | Servant |
| 6 | Cutajar Carmela | 7.1.1910 | 8.8.1905 | Paolo | 20 Sda. S. Leonardo | None | Servant |
| 7 | Grech Paola | 7.1.1910 | 16.7.1904 | Leonardo | 44 Sda. S. Leonardo | None | Home work |
| 8 | Sacco Carmela | 11.11.1911 | 21.6.1903 | Gregorio | 11 Sda. S. Benedetto | Qrendi | Home work |
| 9 | Farrugia Modesta | 9/1/1911 | 5.1.1905 | Giuseppe | 9 Sda. Maggiore | None | Home work |
| 10 | Cassar Grazia | 9.1.1911 | 6.4.1906 | Benedetto (late) | 3 Piazza Maggiore | None | Home work |
| 11 | Montebello Maria | 9.1.1911 | 27.1.1906 | Giuseppe | Via Valletta | None | Wanted at home |
| 12 | Spiteri Nazarena | 4.5.1911 | 22.6.1907 | Alfonso Maria | 9 C Sda. S. Rocco | None | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 13 | Attard Giovanna | 2.1.1912 | 11.2.1907 | Vittorio | 18 Sda. Maggiore | None | Negligence |
| 14 | Camilleri Felicita | 2.1.1912 | 1.1.1907 | Leonardo | 8 Vco. S. Giov | None | Wanted at home (Piazza Maggiore) |
| 15 | Camilleri Vincenza | 2.1.1912 | 13.1.1907 | Francesco | 40 Sda. S. Leonardo | None | Sickness |
| 16 | Chircop M. Antonia | 2.1.1912 | 25.8.1906 | Vincenzo | 24 Sda. Maggiore | None | Wanted at home |
| 17 | Ellul M. Antonia | 2.1.1912 | 30.11.1906 | Angelo | 24 Piazza Maggiore | None | Sickness |
| 18 | Falzon Maria | 2.1.1912 | 29.11.1906 | Michele | 7 Vco. S. Andrea (Piazza) | None | Wanted at home |
| 19 | Sacco Vincenza | 2.1.1912 | 1.1.1907 | Rosario | 8 Sda. Maggiore | None | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 20 | Spiteri Francesca | 2.1.1912 | 13.5.1907 | Paolo | 23 Piazza Maggiore | None | Home work |
| 21 | Sacco Rosina | 20.12.1912 | 29.10.1904 | Vincenzo | 9 Sda. S. Rocco | None | Became a servant |
| 22 | Ellul Clotilde | 7.12.1914 | 15.5.1908 | Angelo | 24 Piazza Maggiore | Infant | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 23 | Camilleri Saveria | 7/12/1914 | 15.8.1907 | Giovanni | 9 Sda. S. Leonardo | Infant | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 24 | Debono Caterina | 7/12/1914 | 25.12.1907 | Giuseppe | 11 Sda. S. Leonardo | Infant | Carelessness |
| 25 | Farrugia Giuseppa | 7/12/1914 | 4.6.1908 | Vittorio | 4 Vco. Neider Sda. Maggiore | Infant | Kept by parents |
| 26 | Sacco Rosaria | 7/12/1914 | 8.10.1907 | Vincenzo | 30 Sda. S. Leonardo | Infant | Deceased 31 July 1915 |
| 27 | Spiteri Caterina | 7/12/1914 | 8.10.1907 | Francesco | 7 Via Valletta | Infant | Home work |
| 28 | Camilleri Vincenza | 7/12/1914 | 3.1.1907 | Francesco | 40 Sda. S. Leonardo | Infant | Wanted at home |
| 30 | Attard Filippa | 18.9.1916 | 15.6.1908 | Vittorio | 18 Sda. Maggiore | Infant | Neglegence |
| 31 | Chircop Carmela | 18.9.1916 | 8.4.1908 | Vincenzo | 24 Sda. Maggiore | Infant | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 32 | Taliana Anna | 18.9.1916 | 11.5.1908 | Benedetto | 1 Vclo. 1 Piazza Maggiore | Infant | Carelessness |
| 33 | Spiteri Giuseppa | 18.9.1916 | 15.8.1908 | Paolo | 25 Piazza Maggiore | Infant | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 34 | Spiteri Leonarda | 18.9.1916 | 24.11.1908 | Leonardo (late) | 2 Vlo. Neider | Infant | Home work |
| 35 | Busuttil Angela | 18.9.1916 | 10.12.1908 | Gio. Maria | 21 Sda. Maggiore | Infant | Wanted at home |
| 36 | Sacco Concetta | 18.9.1916 | 2.12.1908 | Rosario | 8 Sda. Maggiore | Infant | Wanted at home |
| 37 | Callus Maria | 18.9.1916 | 1.11.1908 | Michele | 5 Sda. Maggiore | Infant | Wanted at home |
| 39 | Camilleri Gaetana | 18.9.1917 | 19.6.1910 | Leonardo | 8 Vclo. S. Giovanni | Infant | Sickness |
| 40 | Cassar Carmela | 18.9.1917 | 16.6.1910 | Benedetto (late) | 3 Piazza Maggiore | Infant | Wanted at home |
| 41 | Cutajar Bernarda | 18.9.1917 | 29.6.1909 | Paolo | 20 Sda. Maggiore | Infant | Wanted at home |
| 42 | Grech Nazarena | 18.9.1917 | 16.9.1910 | Leonardo | 44 Sda. S. Leonardo | Infant | Transferred to Stnd. VII Zurrico |
| 43 | Sacco Carmela | 18.9.1917 | 14.2.1910 | Francesco | 3 Sda. S. Leonardo | Infant | Kept by parents for homework |
| 44 | Sacco Maria | 18.9.1917 | 21.10.1909 | Gregorio | 11 Sda. S. Benedetto | Infant | Tranferred to Zurrico school |
| 47 | Cutajar Giorgia | 17.9.1918 | 18.5.1911 | Paolo | 18 Sda. Maggiore | Infant | Wanted at home |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 48 | Debono Michelina | 17.9.1918 | 26.10.1910 | Salvatore | Sda. S. Leonardo | Infant | Sickness |
| 49 | Debono Vittoria | 17.9.1918 | 21.10.1910 | Salvatore (late) | 15 Sda. S. Rocco | Infant | Wanted at home |
| 50 | Farrugia Michelina | 17.9.1918 | 26.6.1911 | Giuseppe | 12 Sda. Maggiore | Infant | Wanted at home |
| 51 | Spiteri Maria | 17.9.1918 | 22.12.1910 | Leonardo (late) | 2 Vclo. Neider Sda. Maggiore | Infant | Sickeness |
| 52 | Attard Caterina | 15.9.1920 | 15.6.1912 | Giuseppe | Via Valletta | Infant | Deceased |
| 53 | Busuttil Maria | 15.9.1920 | 30.8.1912 | Gio Maria | 21, Sda. Maggiore | Infant | Sickness |
| 54 | Cassar Benedetta | 15.9.1920 | 10.8.1912 | Leonardo | Sda. S. Benedetto | Infant | Wanted at home |
| 55 | Cassar M. Concetta | 15.9.1920 | 9.9.1912 | Benedetto | Sda. S. Rocco | Infant | Sickness |
| 56 | Debono Carmela | 15.9.1920 | 7.4.1913 | Salvatore | 16, Piazza Maggiore | Infant | Wanted at home |
| 57 | Debono Maria | 15.9.1920 | 31.7.1913 | Giuseppe | 11 Sda. S. Benedetto | Infant | Home work |
| 58 | Falzon Vincenza | 15.9.1920 | 1.8.1912 | Giuseppe | Sda. S. Rocco | Infant | Wanted at home |
| 59 | Farrugia Vittoria | 15.9.1920 | 7.9.1913 | Leonardo | Vclo. S. Giovanni | Infant | Tranferred to Zurrico |
| 60 | Grech M. Carmela | 15.9.1920 | 13.3.1912 | Angelo | Sda. S. Rocco | Infant | Change of residence |
| 61 | Mercieca Rita | 15.9.1920 | 13. 6.1913 | Antonio | 21 Sda. Maggiore | Infant | Tranferred to Zurrico school |
| 62 | Sacco Benedetta | 15.9.1920 | 19.5.1913 | Giuseppe | 13 Sda. S. Leonardo | Infant | Sickness |
| 63 | Sacco Vittoria | 15.9.1920 | 24.7.1912 | Rosario | 8, Sda. Maggiore | Infant | Sickness |
| 64 | Vella Giovanna | 15.9.1920 | 12.8.1913 | Angelo | 16, Sda. S. Rocco | Infant | Tranferred to Zurrico school |

**Referenzi**

[1] Ara fost l-oħrajn Zammit Mangion, J. *Education in Malta*, 1992.

[2] *Blue Book*, 1895, p. N2.

[3] Iċ-ċifri kollha kwotati huma meħuda mill-*Blue Books* tal-perjodu.

[4] Arkivji Nazzjonali ta' Malta (NAM), CSG1/7632/1895.

[5] Arkivju tal-Parlament, Dibattiti, Seduta nru. 2, l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 1895, p. 38.

[6] NAM, CSG1/7631/1895. Il-petizzjoni tgħid hekk: *To His Excellency, Lt. Genl. Sir Arthur J. L. Fremantle K.C.M.G., Governor of Malta, ecc ecc ecc, The Petition of the undersigned inhabitants of C. Chircop, Humbly shew, That Petitioners are fully aware of the benefits which Education bestows on those who might go through it; That Pets are obliged to take off from the daily school their children at a very tender age to help them in their field work, the district being wholly rural, Pets, therefore, most humbly beg Your Excellency to be pleased to order that a Night School be installed in their village. And Pets as in duty bound will for ever pray. C. Chircop November 1, 1895. Dr Don Giuseppe Barbara Parroco, Sac. Michele Barbara.*

[7] Iċ-ċifra kwotata ta' numru ta' nies li ffirmaw meħuda mid-dokument tal-Arkivji Nazzjonali. Ta' interess li l-ammont ta' firem fuq dak li ġie ppreżentat fil-Kamra hu iżgħar – 43 biss. Mhux eskluż li hemm firem nieqsa għaliex in-numerazzjoni tad-dokument tal-Kunsill tal-Gvern hi dubjuża. In-nies l-oħra li ffirmaw kienu: Salvatore Sacco, Francesco Sacco, Leonardo Sacco, Angelo Sacco, Benedetto Sacco, Paolo Cassar, Michele Cassar, Leonardo Cassar, Giovanni Cutajar, Giuseppe Sacco Micallef, Beniamino Sacco, Pietro Attard, Vittorio Attard, Giuseppe Attard, Andrea Bonnici, Antonio Bonnici, Carmelo Axiak, Franceso Ellul, Leonardo Ellul, Giuseppe Ellul, Angelo Grech, Giuseppe Grech, Leonardo Cassar, Rosario Sacco, Leonardo Farrugia, Carmelo Bartolo, Giovanni Bartolo, Leonardo Balzan, Lonardo Callus, Giovanni Callus, Michele Mizzi, Andrea Farrugia, Leonardo Agius, Tomaso Callus, Francesco Callus, Gaetano Sacco, Salvatore Azzopardi, Michele Azzoppardi, Salvatore Farrugia, Giovanni Grixti, Leonardo Grima, Lodovico Cutajar, Alfonso Maria Spiteri.

[8] Id-definizzjoni li jagħti ta' Night School J. Zammit Mangion fil-ktieb tiegħu *Education in Malta* (1992), p. 546 hi, 'the name given to adult evening education (mainly literacy classes) right up to the 1950s; later changed to evening classes (*klassijiet ta' fil-Għaxija*)'.

[9] Radd-il-ħajr lis-Surmast tal-Iskola ta' Ħal Kirkop tal-kooperazzjoni tiegħu meta sar ix-xogħol arkivistiku fuq il-kollezzjoni tar-reġistri.

[10] Santa tal-mewt ħajr lil Angelo Schembri u Carmen Spiteri.

[11] *Blue Book*, 1897, p. H86. Alfonso Spiteri inħatar fil-kariga ta' surmast tal-iskola ta' Ħal Kirkop fl-1 ta' Marzu 1892 u dam ammont konsiderevoli ta' snin f'din il-kariga. Fl-iskola primarja tal-bniet kien hemm fit-tmexxija Maria Camilleri li nħatret bħala School-mistress fid-9 ta' Jannar 1888.

[12] Guida Generale, 1899 u 1903

[13] *Blue Book*, 1898, p. H88.

[14] *Ibid.*, p. N4.

[15] *Blue Book*, 1899, p. N4.

[16] *Ibid.*, p. N2.

[17] *Blue Book*, 1900, p. H90.

[18] *Ibid.*, p. N2.

[19] *Ibid.*, p. 4.

[20] *Blue Book*, 1901, p. N4. L-istess volum jgħati ċ-ċifri ta' studenti fl-iskola primarja bħala 27 tilef u 33 tifla (p.N2).

[21] *Blue Book*, 1902, p. N4. It-tfal fl-iskola primarja kienu jgħoddu 28 tifel u 35 tifla. (p. N2).

[22] Informazzjoni mgħoddija mis-Sur Angelo Schembri f'e-mail bid-data tal-4 ta' Frar 2011. Schembri jkompli li bint Salvu Victoria kienet Madam tal-iskola taż-Żejtun ukoll. In-neputija li tiġi bint Ninu li jisimha Michelle preżentament hija Head Mistress tal-Iskola Primarja tal-Birgu. Dan ifisser li l-familja Spiteri pproduċiet erba' ġenerazzjonijiet ta' Kapijiet ta' Skejjel Primarji.

[23] Boissevain, J. 'Salvu Spiteri – is-Surmast' fil-*Programm tal-Festa ta' San Ġużepp – Ħal Kirkop 2005*, p. 45.

[24] Ibid., p. 49.

[25] NAM, MFA01/4014/1929.

[26] NAM, MFA01/11888/1933.